**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019**

**Talba Nru:551/2018 PM1**

**The Performing Right Society Limited (Reg No. 00134396)**

**Vs**

**Sarex Trading & Operations Ltd. (C62885) u b'digriet ta' dan it-Tribunal datat 24 ta' Jannar, 2019 l-isem 'Sarex Trading & Operations Limited' gie korrett bl-isem Sarex Trading Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2018 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma

ta' elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin euro u sittax-il centezmu (€2321.16) rapprezentanti l-bilanc dovut ghal-licenzji MAL13888, MAL13891, MAL13887, MAL13890, MAL13892, MAL13893, MAL13889, MAL13894, MAL13895 tal-uzu tal-muzika gewwa l-istabbilimenti tas-socjeta` konvenuta bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan ghas-segwenti ragunijiet :

Fl-ewwel lok, in linea preliminari, is-socjeta` konvenuta irrilevat li hija bidlet isimha f'Sarex Limited u ghalhekk l-atti tal-proceduri odjerni ghandhom jirriflettu tali bidla.

Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, it-talba odjerna hija improponibbli u ghalhekk nulla; dan ghaliex l-attrici, in kwantu mhux registrata gewwa Malta, u ghalhekk mhux prezenti f'din il-gurisdizzjoni, ma setghetx minghajr il-hatra ta' mandatarju jew l-ghoti ta' prokura *ad litem* tressaq it-talba odjerna

Fit-tielet lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici jehtigilha tipprova mhux biss li l-licenzji li abbazi taghhom gew sollevati l-fatturi mertu tat-talba odjerna kienu vigenti fil-mument li gew sollevati l-istess fatturi izda wkoll l-utilizz, u allura l-uzu tal-muzika identifikata fl-istess licenzji da parti tas-socjeta` konvenuta tal-istess licenzji gewwa l-istabilimenti minnha gestiti

Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub anke mharsa l-principji ta' ekwita` u l-gustizzja ma hux dovut

Mill-bqija it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ra l-verbal datat 24 ta' Jannar, 2019 u l-korrezzjoni ordnata mit-Tribunal odjern fl-isem tas-socjeta` konvenuta fl-avviz, fir-risposta u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Ra n-nota b'affidavit ta' Stefan sive Steve Vassallo u d-dokumenti annessi mal-istess (fol. 12 et. seq. tal-process) prezentata waqt is-seduta tad-19 ta' Frar, 2019.

Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta bid-dokument annessi (fol. 57 et. seq tal-process) u n-nota wkoll tas-socjeta` attrici b'dokument anness (fol. 72 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda in kontro-ezami u ri-ezami tax-xhud Stefan sive Steve Vassallo waqt is-seduta tas-16 t'April, 2019.

Ra li waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru, 2019 is-socjeta` konvenuta iddikjarat illi mhux qed tinsisti li tressaq bhal xhud lid-direttur taghha u iddikjarat il-provi tal-istess Socjeta' konvenuta bhala maghluqa.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza gie differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija azzjoni li tirrigwardja talba ghall-hlas ta' bilanc allegatament dovut mis-socjeta` konvenuta fir-rigward ta' uzu ta' muzika gewwa l-istabbilimenti tas-socjeta` konvenuta abbazi ta' kuntratti ghall-ghoti ta' licenzji sottoskritti mill-istess partijiet.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta teccepixxi illi l-atti tal-proceduri ghandhom jiriflettu il-bidla fl-isem taghha. Din l-eccezzjoni tinsab sorvolata b' dak verbalizzat waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 fejn l-istess socjeta` konvenuta talbet u ottjeniet korrezzjoni tal-isem taghha kif indikat fl-okkju liema isem gie jaqra Sarex Trading Limited, dana kemm fl-avviz, fir-risposta u wkoll fl-atti kollha relattivi u

sussegwenti. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jastjeni milli jikkunsidra ulterjorment tali eccezzjoni.

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghha l-istess socjeta` konvenuta eccepiet ukoll in linea preliminari illi « *t-talba odjerna hija improponibbli u nulla ghaliex l-attrici, in kwantu mhux registrata gewwa Malta, u ghalhekk mhux prezenti f'din il-gurisidizzjoni, ma setghetx, minghajr il-hatra ta' mandatarju jew l-ghoti ta' prokura ad litem, tressaq it-talba odjerna* ». F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jitlaqx mill-premessa li, a tenur tal-art. 9(3) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta), « *ebda proċediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minħabba fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli magħmula taħtu*». Dan apparti l-fatt li, anke kif jinsab deciz minn Qrati ohrajn anke superjuri,

> « *Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju. (Ara sentenza fl-ismijiet* ***Attard Michael vs. Raymond Galea****. Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut. (Ara sentenza fl-ismijiet* ***Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs. Carmela sive Lina Aquilina****). Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw latti u mhux jannullawhom. (...) Fil-kawza* ***Vella vs. Cefai*** *il-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob innullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li lQorti, kemm jista' jkun għall-prattiċità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu*

> *jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet* ***S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited****.* » (citati mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Antonios Stampolidis noe. v. Cashpoint (Malta) Limited** deciza fit-8 t'Ottubru, 2015 fejn gie deciz li irregolarita` simili ghal dik in ezami setghet tigi sanata fil-prezentata ta' prokura jew rizoluzzjoni tas-socjeta` estera).

Illi fil-kaz in ezami huwa car li, minkejja li s-socjeta` attrici hija estera kif indikat mill-indirizz ufficjali taghha, permezz ta' prokura datata 10 t'Ottubru, 2017 ix-xhud Stefan sive Steve Vassallo kien gie mahtur bhala mandatarju sabiex jirrapprezenta lill-istess socjeta` attrici fir-rigward ta' azzjonijiet gudizzjarji. Kopja ta' tali prokura tinsab ezebita a fol. 15 u 16 ta-process bhala Dok. 'A' anness mal-affidavit tal-istess Stefan Vassallo. Ghaldaqstant huwa car li, bil-kontra ta' dak eccepit mis-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici kienet effettivament appuntat mandatarju *ad litem* qabel intavolat il-kawza odjerna. Lilhinn minn dak li jipprovdi l-art. 9(3) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta (huwn fuq citat) huwa car li, fil-mument li nfethet il-kawza odjerna, is-socjeta` attrici kienet tinsab debitament rapprezentata minn mandatarju fil-persuna ta' Stefan sive Steve Vassallo li mhux biss ikkonferma dan bil-gurament tieghu tramite l-affidavit tieghu imma wkoll xehed quddiem dan it-Tribunal in kontro-ezami u kwindi lanqas jista' jinghad li s-socjeta` konvenuta sofriet xi pregudizzju serju. Ghat-Tribunal, tenut kont ukoll il-kunsiderazzjonijiet legali maghmulin hawn fuq, dan kollu huwa sufficjenti sabiex jeskludi kwalunkwe irregolarita` procedurali li f'dan l-istadju timmerita li twassal ghan-nullita`. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad ukoll it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta.

Illi jifdal ghaldaqstant li jigi determinat il-mertu tal-kawza odjerna. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi li s-socjeta` attrici ghandha tipprova li l-licenzji *de quo* kienu vigenti meta nhargu l-fatturi u l-uzu tal-mazika identifikata fl-istess licenzji fl-istabilimenti gestiti mis-socjeta` konvenuta. Mill-provi prodotti fl-atti tal-kawza irrizulta kjarament li l-ammont mitlub qed jigi determinat abbazi ta' kuntratti sottoskritti mill-istess socjeta` konvenuta u liema kuntratti jaghmlu referenza espressa ghal-fatt li l-licenzja u t-tariffi relattivi kienu jirrigwardjaw id-daqq ta' *background music* fl-istabilimenti tal-istess socjeta` konvenuta. F'dan ir-rigward, fil-fatt, gew ezebiti kopji ta' disa' kuntratti (inkluzi tlett licenzji staggjonali)  Dok LC1 (minn fol. 60 sa fol. 69 tal-process). L-istess kuntratti jindikaw ukoll it-tariffi imposti u maqbula bejn l-istess partijiet. Konsegwentement it-Tribunal ma jistax ma jqis illi, avut rigward ghall-principju fundamentali li jirregola l-ezekuzzjoni tal-kuntratti (*pacta sunt servanda*) u li jipprovdi a tenur tal-art. 992 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li :

> « *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.* »

is-socjeta` konvenuta ma tistax issa tipprova tinhall mill-obbligi vigenti kuntrattwalment pattwiti minnha billi tqajjem dubbju jew titlob provi ulterjuri dwar aspetti li hija stess ikkonfermat u ssottoskriviet ghalihom tramite l-kuntratti imsemmija. Kieku dan ma kienx fih innfisu bizzejjed, sabiex igib fix-xejn l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mis-socjeta` konvenuta, dwar il-muzika li kienet tindaqq fl-istabiliment tas-socjeta` konvenuta xehed ukoll ix-xhud Vassallo li f'dan ir-rigward ikkonferma li « *Da parti tieghi jien inkun accedejt fil-fondi relattivi qabel ma tinhareg il-licenzja, nidhol hemmhekk minghajr ma naghti pre-avviz fil-fatt din tkun* surprise visit *u meta nkun hemmhekk ikolli applikazzjoni*

*li tista' tiddetermina x'tip ta' muzika tkun qed tindaqq u jekk din il-muzika hijiex registrata jew le. Fil-fatt nghid li a bazi ta' dan l-istharrig jiena kont baghtlu notifikazzjoni li jiena kont iddeterminat kif fil-fatt gara li kienet qed tindaqq muzika li hija registrata u li kwindi fir-rigward taghha kien hemm performing rights li huma dovuti, jiena ergajt iltqajt mad-dirigenti tal-istess stabilimenti u cioe` ta' Sarex Limited u fil-fatt iffirmaw mieghi d-disa' licenzji li jiena rajt illum ezebiti. Nghid li anke f'dik l-okkazzjoni kien hemm muzika li kienet qieghda tindaqq minn dawn l-istabbilimenti.* ». Ma tressqet ebda prova bil-kontra ta' dan jew altrimenti a sostenn tal-allegazzjoni li s-socjeta` konvenuta setghet kienet qed iddoqq muzika li ghaliha kienet tapplika l-ezenzjoni mit-tariffa maqbula minnha stess skont il-kuntratti imsemmija u f'dan ir-rigward lanqas ma tressqet xi prova li ttiehdet xi azzjoni quddiem il-forum kompetenti mis-socjeta` konvenuta sabiex tinhall minn dak pattwit minnha permezz tal-istess kuntratti jew sabiex tittermina l-istess kuntratt.

Illi dwar l-ammonti mitluba it-Tribunal isib ukoll li l-fatturi (u *credit note*) mahruga jirriflettu dak maqbul bejn il-partijiet skont il-kuntratti sottoskritti minnhom licenzja b'licenzja kemm fir-rigward tal-perijodi inizjali imma wkoll ghall-perijodi sussegwenti ukoll koperti mil-kuntratti prezentati mill-istess socjeta` konvenuta skont kif pattwit permezz tal-istess kuntratti (f'dan is-sens klawsola 1(a) u (b) tal-istess kuntratti). A sostenn ulterjuri ta' dan, l-istess xhud Vassallo jikkonferma wkoll li t-tariffi maqbula bejn il-partijiet lanqas m'huma determinati b'xi mod arbitarju imma jinsabu approvati mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Min-naha taghha is-socjeta` konvenuta naqset milli tressaq provi a sostenn ta' dak allegat minnha anke f'dan ir-rigward tant illi salv il-kontro-ezami tax-xhud Vassallo irrinunzjat anke ghax-xhieda tad-direttur taghha. Fir-rigward tal-imghaxijiet jinghad li huwa gust li dawn jiddekorru mid-dati tal-fatturi mertu tal-azzjoni odjerna kif mitlub u dana a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili** stante r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet li huma wkoll socjetajiet kummercjali. Ghaldaqstant it-Tribunal isib li, anke fil-mertu, l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta stante l-korrezzjoni ordnata fl-okkju, jichad it-tieni eccezzjoni preliminari, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta u konsegwentement jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma mitluba ta' elfejn, tlett mija u wiehed u ghoxrin euro u sittax-il centezmu (€2321.16) bl-imghax legali kif mitlub dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**